MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2011

Numru. 440/2011

**Il-Pulizija**
**Spettur Robert Vella**

**vs**

**Anthony Portelli**

Il-Qorti;

Rat l-imputat Anthony Portelli ta' 40 sena, iben il-mejjet Anthony u Laura nee' Vella, imwieled gewwa tas-Sliema, fil-21 ta' Dicembru 1970 u residenti f'numru 11, St. Joseph, Flat 3, Triq il-Kummerc, Birzebbugia u detentur tal-karta tal-identita' numru 487670(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. Nhar it-03 ta' Settembru 2010 bejn l-10.00 u l-11.30 ta' filghaxija, ikkommetta serq ta' 'appliances' u utensili

tax-xoghol minn gewwa fond kummercjali bl-isem ta' 'Fra Diego' li jinsab fond numru 9, Triq Hal Qormi, Hamrun ghad-dannu tas-sid u cioe' Christoffel Scifo Diamantino liema serq huwa kkwalifikat bil-valur ta' aktar minn €232.94 izda anqas minn €2329.40, bil-hin u bil-persuna, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 261(c) (d) (f), 267, 268(a), 270 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Nhar l-04 ta' Settembru 2010 gewwa l-istore li jinsab gewwa Triq Patri Magri, Hamrun ghall-habta ta' xi 10.30 ta' filghodu bil-hsieb li jikkaguna feriti ta' natura gravi fuq Christoffel Scifo Diamantino wera dan il-hsieb billi b'atti esterni ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt billi waddab 'shifting wrench' tal-hadid fid-direzzjoni ta' Christoffel Scifo Diamantino u li liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu u dan bi ksur ta' l-Artikoli 41(1) (a), 214 u 216 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Christoffel Scifo Diamantino biza' li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta' tieghu jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) u dan bi ksur ta' l-Artikolu 251B (1) u (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti nvolontarjament ikkaguna hsara, jew ghamel xi hsara jew hassar jew gharraq xi haga u cioe' bieb ta' store li jinsab fi Triq Patri Magri, Hamrun u li liema hsara tammonta ghal €450 u dan bi ksur ta' l-Artikolu 328 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti kienet mitluba li f'kaz ta' htija tqis lill-imputat bhala li sar recediv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' sentenza moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenza saret definttiva w ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' Christoffel Scifo Diamantino billi tapplika l-provvedimenti ta' Art 383, 384, 385 u 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 23 ta' Marzu 2011 (esebit a fol. 5 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tad-29 ta' Settembru 2011 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar id-29 ta' Settembru 2011 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti ikkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u kkunsidrat ukoll li l-imputat hallas lura lill-vittma l-ammont kollu nvolut u l-parti civili rrinunzjat ghal dak kollu li huwa rinunzjabbli.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261, 267, 268, 270, 41(1)(a), 214, 216, 222(1), 251 B (1) u (2) u 328, 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu

ammessi u  b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reati iehor sa zmien sentejn(2) millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------